

## DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-17 ta' April 2013

**dwar il-kwittanza għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2011**

(2013/582/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definitivi tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2011,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Audituri dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għas-sena finanzjarja 2011, flimkien mat-tweġibet tal-Istitut (¹),
  - wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni tal-Kunsill tal-12 ta' Frar 2013 (05753/2013 – C7-0041/2013),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (²), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (³), u b'mod partikolari l-Artikolu 208 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jistabbilixxi l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (⁴), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet msemminji fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (⁵), u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0108/2013),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għall-implementazzjoni tal-baġit tal-Istitut għas-sena finanzjarja 2011;
  2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Audituri, u biex jiżgura li jiġu ppubbliki f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju ġenerali

Klaus WELLE

(¹) ĠU C 388, 15.12.2012, p. 110.

(²) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(³) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

(⁴) ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1.

(⁵) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.